ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

18 JUL 2024

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 600**

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju, 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fil-5.10 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Kunsillier
Marc Vella Bonnici - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Leone Sciberras - Kunsillier
Toshera Schembri - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech – Kunsillier
Martina Baldacchino - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ħadd ma kien assenti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sur Joseph Agius ippresieda l-laqgħa.

**600.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

600.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech u mis-Sinjorina Martina Baldacchino fejn talbu li jkun skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech u s-Sinjorina Martina Baldacchino jkunu skużati.

**600.2 Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku**

600.2.1 Il-Kunsillier, is-Sur Jorge Grech, li ġie elett fl-aħħar elezzjoni lokali u li kiseb l-għola għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri għal-lokalità ta' Ħaż-Żabbar, aċċetta li jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga.

**600.3 Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku**

600.3.1 Is-Sur Jorge Grech kompla jippresiedi l-laqgħa.

600.3.2 Il-Kunsillier, is-Sur Marc Vella Bonnici, li kiseb wara s-Sur Sur Jorge Grech, l-għola għadd ta' voti fl-aħħar elezzjoni lokali minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri għal-lokalità ta' Ħaż-Żabbar, aċċetta li jokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga.

**600.4 Aġġornament**

600.4.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 17 ta' Lulju, 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

600.4.2 Il-laqgħa spiċċat fil-5.17 ta' wara nofsinhar.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-601 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 17 ta' Lulju, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku